MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 144/2014

**Mobisle Communications Limited**
**C24655**

**vs**

**Caruana Scicluna Adrian**
**ID272361-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici iddikjarat illi l-konvenut ghandu jaghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija, tlieta u sittin ewro u sittin centezmu (€963.60c) in konnessjoni ma' 79423322 (AC40164372), liema servizz gie kkuntratt permezz ta' kuntratt datat 20 t' April, 2011.

Illi s-somma fuq imsemmija tinkludi l-ammonti ta' erba' mija, disgha u disghin ewro (€499) dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratti.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 1952/13, u bl-imghax mid-19 ta' Awwissu, 2013 data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti li gew ipprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok.'A' sa Dok.'D'.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija, tlieta u sittin ewro u sittin centezmu (€963.60c) bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------